L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru.

Kastilja, 9 ta' Novembru 1978

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali U Kultura |
| L-Onor Joseph Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Lorry Sant1 | Ministru tax-Xogholijiet u Sports |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru tal-Izvilupp, Energija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Philip ~~Micallef~~ Muscat | Ministru tal-Edukazzjoni |

Prezenti wkoll:

Mr Joe Borg
Mr George Agius
Dr Edgar Mizzi
Mr A Agius Ferrante
Mr R Stivala
Mr L Spiteri
Mr P Xuereb
Mr A. Mizzi
Mr J. Cassar

Assenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija, Industriji Parastatali u tal-Poplu |

Il-Prim Ministru spjega l ahhar zviluppi fin-negozjati li bhalissa kienu qed isiru fl-Ingilterra minn delegazzjoni Maltija mmexxija mill-Ministru tal-Kummerc, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu, Dr Patrick Holland, u l-Gvern Ingliz dwar il-kwistjoni tat-tessuti.

Huwa mbaghad qal li wara li kien tkellem mal-Ministru Holland, wara li dan kien iltaqa mas-Segretarju tal-Kummerc Ingliz, Mr Dell, il-Prim Ministru kien gie infurmat li l-Inglizi baqghu u ma ccaqlqux mil-posizzjoni li kienu hadu qabel ma bdew it-tahdidiet.

/ ......

Wara dan il-Prim Ministru kien gieghel lill-Ministru Holland ikellem lis-Segretarju ta' l-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth Ingliz, Dr David Owen.

Il-Ministru Holland kien wara gie nfurmat illi dan l-appuntament ma setghax isehh minhabba li kienu qalulu li Dr Owen kien imhabbat b'xoghol Paralmentari.

Ghaldaqstant il-Prim Ministru talab lill-Ministru Holland biex jikteb ittra lil Dr Owen u jibghatielu dak il-hin stess. Fl-10.30 ta' filghaxija ta' l-Erbgha 8 ta' Novembru, 1978, il-Kummissarju Gholi ghal-Malta f'Londra, is-sur Turu Xerri, kien ghadda l-ittra lil-Mr Frank Judd, Ministru ta' l-Affarijiet Baranin Ingliz. Din l-ittra inqrat mill-Prim Ministru.

Fic-cirkostanzi il-Kabinett iddecieda illi bhala ritaljazzjoni ghall-posizzjoni li kien ha l-Gvern Ingliz:

(1) Li mit-8 ta' Novembru stess il-British High Commissioner jigi infurmat biex jaghalaq minnufih il-British Council u li jibqa maghluq sakemm jitnehha il-ban impost mill-Gvern Ingliz fuq it-tessuti importati minn Malta.

(2) Li mill-istess data, 8 ta' Novembru, jkun hemm projbizzjoni totali tal-importazzjoni go Malta ta' "British Textile Goods" inkluz ir-raw material.

(3) Li minnufih ma jinghatawx permessi biex jinfethu Letters of Credit.

Wara dan il-Kabinett iddiskuta wkoll x'azzjonijiet ohra ghandhom jittiehdu l-quddiem.

Fil-12.00 p.m. is-seduta aggornat sine die.

........................ ..........................

Segretarju tal-Kabinett Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA